MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru. 29/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Bajada (I.D. Nru. 31854(G))**
**Joseph Bajada (I.D. Nru. 66672(M))**

Kaz Numru: 29/2012

Illum 21 ta’ Mejju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Joseph Bajada**, ta’ sebgha u hamsin (57) sena, bin Emanuel u Carmena neé Mifsud, imwieled Xaghra, nhar it-02 ta’ Mejju 1954, residenti fil-fond numru Il-Warda, Triq

San Guzepp, Xaghra (Ghawdex) u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 31854G u

**Joseph Bajada**, ta’ erbghin (40) sena, bin Julian u Maria neé Bajada, imwieled tal-Pieta, nhar it-22 ta’ Jannar 1972, residenti fil-fond numru Taljan Court, Flat 4, Triq il-Knisja, Xaghra (Ghawdex) u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 66672M
akkuzati talli nhar is-26 ta’ Ottubru 2009, u xhur ta’ qabel gewwa l-Ghawdex, u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi bidlu s-sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni KBA 313 fuq vettura tat-tip Toyota Corolla li n-numru tar-registrazjoni ta’ din il-vettura huwa CBD 732, billi wahhlu dawn in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni KBA 313 fuq vettura tat-tip Toyota Corolla li n-numru tar-registrazjoni ta’ din il-vettura huwa CBD 732, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

<u>Lil Joseph Bajada, detentur tal-Karta tal-Identita Numru 31854G, wahdu</u>:

(c) fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, saq vettura tat-tip Toyota Corolla, meta n-numri tar-registrazzjoni kienu KBA 313 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31

tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kapitolu 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta Malta;

(e) fl-istess data, hin u cirkustanzi minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Aworita Dwar it-Transport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Gunju 2012 (Dok. "F") sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li meta sar l-ezami tal-imputati fis-seduta tallum, l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) jammetti l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lid-difiza, b'riferenza ghall-akkuzi (c), (d) u (e) migjuba fil-konfront ta' Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)), teccepixxi l-preskrizzjoni bil-mod segwenti: l-ewwel parti tal-akkuza (c) u akkuza (e) taht Artikolu 688 (e) tal-Kapitolu 9 u t-tieni parti tal-akkuza (c) u akkuza (d) taht Artikolu 3(3)(a) u 3(3)(b) tal-Kapitolu 104.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kienitx qed tikkontesta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward ta' Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(M)) tista' tigi kkunsidrata bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.
Rat li l-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 66672(M)) ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fil-konfront ta' Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) jirrizulta li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha u b'hekk l-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) ghandhom jigu dikjarati preskritti.

Illi, fir-rigward ta' Joseph Bajada (I.D. Numru 66672(G)), ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu gew pruvati u b'hekk l-imputat imsemmi ghandu jigi liberat minnhom.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront ta' Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)), il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat imsemmi, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu, li mhijiex wahda nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tal-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 66672(M)), fuq nuqqas ta' provi, tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, fir-rigward tal-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G), filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata bl-ittra "b" (u dana *stante* li gie dikjarat li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata bl-ittra "a"),

tiddikjara l-imputazzjonijiet mmarkati bl-ittri “c”, “d” u “e” bhala preskritti u konsegwentement estinti, u wara li rat Artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) hati tal-imputazzjoni mmarkata bl-ittra “a” u tikkundannah ghal perijodu ta’ sena prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Joseph Bajada (I.D. Numru 31854(G)) fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------